IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2020
COM(2020) 424 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 7
TAL-BAĠIT ĠENERALI 2020

Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji)

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 3/2020[5], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 4/2020[6], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2020[7], adottat fit-3 ta' Ġunju 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2020[8], adottat fit-3 ta' Ġunju 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 7/2020 tal-baġit tal-2020.

TIBDIL FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 ĠU L 126, 21.4.2020.
4 ĠU L 126, 21.4.2020.
5 ĠU L XXX, XX.X.2020.
6 ĠU L XXX, XX.X.2020.
7 COM(2020) 421, 3.6.2020.
8 COM(2020) 423, 3.6.2020

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3

2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL 3

2.1 IMPATT ĠENERALI TAL-ABE 7/2020 FUQ ID-DISTRIBUZZJONI TAL-PAGAMENTI TOTALI TAR-RIŻORSI PROPRJI BEJN L-ISTATI MEMBRI 3
2.2 REVIŻJONI TAL-PREVIŻJONI TAR-RPT U TAL-BAŻIJIET TAL-VAT U TAL-ING 5
2.3 KORREZZJONI GĦAR-RENJU UNIT TAL-2015, 2016, 2017, 2018 U 2019 7
2.3.1. INTRODUZZJONI 7
2.3.2. KALKOLU TAL-KORREZZJONIJIET 7
2.3.3. DĦUL FL-ABE 7/2020 TAL-1EL AĠĠORNAMENT TAL-KORREZZJONI GĦAR-RENJU UNIT TAL-2019, IT-2NI AĠĠORNAMENT TAL-KORREZZJONI GĦAR-RENJU UNIT TAL-2018, IT-3ET AĠĠORNAMENT TAL-KORREZZJONI GĦAR-RENJU UNIT TAL-2017, L-AMMONTI DEFINITTIVI TAL-KORREZZJONI GĦAR-RENJU UNIT TAL-2016 U L-2015 13
2.4 DIFFERENZI FIR-RATI TAL-KAMBJU TAR-RIŻORSI PROPRJI 16
2.5 MULTI U PAGAMENTI TA' PENALI 17

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 7 għas-sena 2020 huwa li jaġġorna n-naħa tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi:

– li jirrevedi l-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (jiġifieri d-dazji doganali), il-bażijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tal-introjtu nazzjonali gross (ING), u li jibbaġitja l-korrezzjonijiet rilevanti għar-Renju Unit u l-iffinanzjar tagħhom, li kollha jaffettwaw id-distribuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE.

– li jaġġorna dħul ieħor bħall-multi u d-differenzi fir-rati tal-kambju.

2. AĠĠORNAMENT TAD-DHUL

2.1 Impatt ġenerali tal-ABE 7/2020 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

Wara l-178 laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP), li saret permezz ta' proċedura bil-miktub mid-19 sal-25 ta' Mejju 2020, hemm bżonn ta' żewġ tipi ta' aġġustamenti tan-naħa tad-dħul tal-baġit:

– aġġornament tal-estimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll li r-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) iqisu l-previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti, kif ukoll

– aġġornament tal-korrezzjoni favur ir-Renju Unit.

Dawn iż-żewġ aġġustamenti huma ppreżentati fit-taqsimiet 2.2 u 2.3 hawn taħt.

Barra minn hekk, id-dħul l-ieħor huwa aġġornat biex iqis il-multi u l-pagamenti ta' penali finalment miġbura sa Ġunju 2020 u wkoll id-differenzi negattivi fir-rati tal-kambju (ara t-taqsimiet 2.5 u 2.4 hawn taħt).

L-impatt globali tal-aġġustamenti kollha tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella fil-qosor hawn taħt. Din it-tabella turi d-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri: kif ibbaġitjati fil-baġit tal-2020, kif emendati fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6 (ABE 6/2020)[9], u fl-aħħar nett f'dan l-ABE.

[9] COM(2020) 423, 3.6.2020.

Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji skont l-Istati Membri (f'miljuni ta' EUR)

	Bagit 2020	**ABE 6/2020**	**ABE 7/2020**
	(1)	(2)	(3)
BE	6 313,9	6 499,9	6 332,3
BG	641,7	665,6	659,8
CZ	2 135,7	2 218,8	2 290,7
DK	2 904,5	3 029,7	3 118,1
DE	31 032,1	32 448,8	32 955,7
EE	277,4	288,2	302,2
IE	2 599,7	2 706,9	2 652,8
EL	1 825,0	1 901,0	1 905,6
ES	12 649,7	13 149,6	12 577,5
FR	23 283,6	24 261,5	24 654,5
HR	515,6	536,8	531,2
IT	17 239,5	17 946,0	17 751,0
CY	216,0	224,5	226,6
LV	318,9	331,5	319,3
LT	512,4	531,0	525,5
LU	397,7	414,8	452,3
HU	1 429,0	1 484,4	1 498,4
MT	128,9	134,0	131,4
NL	8 025,0	8 344,8	8 249,6
AT	3 536,8	3 696,0	3 789,0
PL	5 450,1	5 656,5	5 782,5
PT	2 011,6	2 092,8	2 171,8
RO	2 057,1	2 144,4	2 240,4
SI	522,1	541,7	526,5
SK	926,7	965,2	937,7
FI	2 245,5	2 341,3	2 421,9
SE	3 903,6	4 091,9	4 313,3
UK	18 537,9	18 359,7	17 972,3
EU	**151 637,8**	**157 007,3**	**157 289,9**

2.2 Reviżjoni tal-previżjoni tar-RPT u tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING

Skont il-prassi stabbilita, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti[10], maqbula bejn l-Istati Membri fil-laqgħa tal-KKRP.

Ir-reviżjoni tikkonċerna l-previżjoni tar-RPT li jridu jitħallsu lill-baġit fl-2020 kif ukoll il-previżjoni tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2020. Il-previżjoni fil-Baġit tal-2020 ġiet stabbilita fil-175 laqgħa tal-KKRP fl-24 ta' Mejju 2019. Ir-reviżjoni f'dan l-ABE tqis il-previżjonijiet maqbula fil-178 laqgħa tal-KKRP li saret bi proċedura bil-miktub mid-19 sal-25 ta' Mejju 2020. L-użu ta' previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji jtejjeb il-preċiżjoni tal-previżjonijiet tad-dħul u konsegwentement tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba jagħmlu għall-baġit tal-UE matul is-sena baġitarja.

Il-projezzjonijiet tal-KKRP dwar il-bażijiet tal-VAT u tal-ING normalment jiġu ddeterminati bħala kompromess bejn il-previżjoni tal-Kummissjoni u l-previżjonijiet tal-Istat Membru. Madankollu, din is-sena l-Istati Membri kollha aċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni li jużaw il-previżjonijiet proprji tagħha għall-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2020 biex jiżguraw trattament ugwali fl-Istati Membri kollha. It-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipprovdi approċċ orizzontali konsistenti, ibbażat fuq sett ta' *data*, metodoloġija u suppożizzjonijiet konsistenti għall-Istati Membri kollha, li jidher li hu partikolarment importanti fis-sitwazzjoni speċjali tal-pandemija tal-Covid-19.

Il-pandemija biddlet drastikament il-prospetti għall-ekonomija Ewropea. It-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jistenna li l-ekonomija tal-UE tiċkien b'rekord ta' 7,5 % din is-sena, segwit minn irpiljar ta' 6,1 % fl-2021 – mhux biżżejjed biex jikkumpensa kompletament għat-telf ta' din is-sena. Fi tmiem il-perjodu ta' tbassir, l-ekonomija tal-UE tkun madwar 3 % inqas mil-livell ta' produzzjoni pprojettat mit-tbassir tal-ħarifa tal-2019. Il-pandemija se tolqot il-komponenti kollha tad-domanda ħlief il-konsum tal-gvern u l-investiment pubbliku, li għandhom rwol ta' stabilizzazzjoni. Hu mistenni li l-kummerċ internazzjonali jikkollassa bħal qatt qabel u li l-irpiljar tas-sena d-dieħla jibqa' limitat minħabba tfixkil fil-katini ta' valur mondjali.

Is-sitwazzjoni ekonomika li sejra għall-agħar hija riflessa fit-tbassir tar-riżorsi proprji għall-2020. Għalhekk, meta mqabbel mal-previżjoni maqbula f'Mejju 2019, il-previżjoni għall-2020 ġiet riveduta kif ġej:

– Issa huwa previst li d-dazji doganali netti totali għall-2020 ikunu EUR 18 507,3 miljun (wara li jitnaqqsu 20 % fil-kostijiet tal-ġbir), u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 16,47 % meta mqabbel mal-previżjoni ta' EUR 22 156,9 miljun inkluża fil-Baġit tal-2020. Il-Kummissjoni qabblet ir-riżultati tal-metodu tat-tbassir tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni) mar-riżultati tal-metodu ta' estrapolazzjoni bbażat fuq l-aħħar *data* dwar l-eżitu għad-dazji doganali miġbura (Jannar – April 2020). Bħal fis-snin preċedenti, ġie miftiehem li jiġi applikat approċċ konservattiv li jiggarantixxi ġestjoni tajba tal-baġit f'kuntest ta' inċertezzi ekonomiċi kbar u tfixkil potenzjali fix-xejriet kummerċjali. Il-metodu ta' tbassir tradizzjonali, li jqis l-effetti possibbli tal-pandemija fuq il-kummerċ, jipprovdi l-inqas dħul mir-RPT. Għalhekk, ġie maqbul li jintuża għar-reviżjoni tal-previżjoni tar-RPT għall-2020.

– Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata tal-UE għall-2020 issa hija prevista li tkun EUR 6 764 185,3 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 8,30 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2019 ta' EUR 7 376 556,2 miljun. Il-bażi totali tal-VAT *limitata*[11] tal-UE għall-2020 hija prevista li tkun EUR 6 727 739,2 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 8,43 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2019 ta' EUR 7 347 133,9 miljun.

– Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2020 hija prevista għal EUR 15 480 146,9 miljun, jiġifieri tnaqqis ta' 8,88 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2019 ta' EUR 16 988 025,0 miljun.

Intużaw ir-rati tal-kambju tal31 ta' Diċembru 2019 biex tinqaleb il-previżjoni tal-bażijiet tal-VAT u l-ING mill-munita nazzjonali għall-euro (għad-disa' Stati Membri li mhumiex membri fiż-Żona tal-Euro). Dan jevita d-distorsjonijiet peress li din hija r-rata li tintuża sabiex il-pagamenti bbaġitjati tar-riżorsi proprji jinqalbu minn

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, 2020, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-rebbiegħa 2020, Ekonomija Ewropea, Dokument Istituzzjonali 125.

[11] F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335, jekk il-bażi tal-VAT ta' Stat Membru taqbeż il-50 % tal-ING tiegħu, tiġi limitata sa dawn il-50 %. Għall-ABE 7/2020, sitt Stati Membri se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING: Il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja u l-Portugall.

euro għall-munita nazzjonali meta dawn l-ammonti jingħabru (kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014).

Il-previżjonijiet rivedut tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT mhux limitati u tal-bażijiet tal-ING għall-2020, kif adottati fil-178 laqgħa tal-KKRP li saret permezz ta' proċedura bil-miktub mid-19 sal-25 ta' Mejju 2020, huma ppreżentati fit-tabella segwenti:

Previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2020 ***(f'miljuni ta' EUR)***

	Dwana (80%)	**Bażijiet tal-VAT mhux limitati**	**Bażijiet tal-ING**	**Bażijiet tal-VAT limitati**[12]
BE	1 855,2	189 777,7	449 226,0	189 777,7
BG	77,0	27 165,8	56 874,4	27 165,8
CZ	257,6	92 345,4	201 610,8	92 345,4
DK	316,9	113 403,4	299 768,7	113 403,4
DE	3 682,9	1 379 190,9	3 354 899,6	1 379 190,9
EE	36,4	12 711,1	26 004,9	12 711,1
IE	239,8	91 612,0	244 502,7	91 612,0
EL	227,1	68 974,4	170 317,2	68 974,4
ES	1 145,6	525 701,4	1 139 453,3	525 701,4
FR	1 492,9	1 043 797,5	2 310 950,4	1 043 797,5
HR	29,5	33 212,2	49 035,0	24 517,5
IT	1 548,8	655 487,7	1 640 896,9	655 487,7
CY	25,0	15 360,0	19 667,9	9 834,0
LV	36,4	12 075,5	28 582,7	12 075,5
LT	90,5	18 210,5	43 691,8	18 210,5
LU	17,7	30 401,6	42 714,0	21 357,0
HU	164,9	57 027,0	133 530,3	57 027,0
MT	13,4	9 182,8	11 568,7	5 784,4
NL	2 461,7	309 010,0	752 515,8	309 010,0
AT	188,0	173 737,6	379 655,5	173 737,6
PL	734,9	254 114,4	497 588,8	248 794,4
PT	179,8	102 255,7	195 586,8	97 793,4
RO	164,9	81 445,0	210 407,0	81 445,0
SI	71,0	21 884,8	45 058,8	21 884,8
SK	74,1	34 104,4	87 990,5	34 104,4
FI	136,7	101 842,5	228 223,7	101 842,5
SE	436,1	204 408,8	466 486,2	204 408,8
UK	2 802,5	1 105 745,2	2 393 338,5	1 105 745,2

[12] L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota [11] ta' qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

EU 28	**18 507,3**	**6 764 185,3**	**15 480 146,9**	**6 727 739,2**

2.3 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015, 2016, 2017, 2018 u 2019

2.3.1. Introduzzjoni

Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-bażit favur ir-Renju Unit (korrezzjoni għar-Renju Unit), li trid tiġi bbażitjata f'dan l-ABE, tikkonċerna s-snin: 2015, 2016, 2017, 2018 u 2019.

Il-korrezzjonijiet għar-Renju Unit tal-2015, 2016, 2017, 2018 u 2019 huma soġġetti għar-regoli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[13] u tad-dokument ta' ħidma li jakkumpanjaha, il-*Metodu ta' Kalkolu tal-2014*[14]. Skont ir-regoli ta' din id-Deċiżjoni, il-"qligħ mhux mistenni" nett mir-RPT tar-Renju Unit li jirriżulta miż-żieda sa mill-2001, fil-perċentwal tar-RPT miżmum mill-Istati Membri bħala kumpens għall-kostijiet tal-ġbir tagħhom, huwa newtralizzat u n-nefqa allokata hija aġġustata permezz tan-nefqa allokata totali fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara t-30 ta' April 2004, ħlief għall-pagamenti diretti agrikoli u n-nefqa relatata mas-suq kif ukoll il-parti tan-nefqa tal-iżvilupp rurali li toriġina mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG.

Barra dan, is-sehem tal-Awstrija, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja fl-iffinanzjar tal-korrezzjoni għar-Renju Unit huwa mnaqqas għal kwart tas-sehem normali tagħhom. It-tnaqqis huwa ffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra, minbarra r-Renju Unit.

F'dan l-ABE huma mdaħħla, il-kalkolu u l-finanzjament tal-*1^{el} aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit *tal-2019*, *it-2^{ni} aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit *tal-2018*, *it-3^{et} aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit *tal-2017* kif ukoll *l-ammonti definittivi* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit *tal-2015* u *l-2016*.

Id-differenza bejn *l-ammonti definittivi tal-2015 u l-2016 tal-korrezzjoni għar-Renju Unit* u l-ammonti bbażitjati preċedentement (l-*1^{el} aġġornament tal-2015* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit imdaħħal fil-BE 5/2016 u l-*1^{el} aġġornament tal-2016* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit imdaħħal fil-BE 6/2017) hija mdaħħla fil-Kapitolu 35 (Riżultat tal-kalkolu definittiv tal-finanzjament tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi bażitarji għar-Renju Unit) ta' dan l-ABE.

Id-differenza bejn *it-3^{et} aġġornament tal-2017* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit u l-ammont ibbażitjat preċedentement (*l-1^{el} aġġornament* imdaħħal fil-BE 6/2018) u d-differenza bejn *it-2^{ni} aġġornament tal-2018* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit u l-ammont ibbażitjat preċedentement (l-*ammont proviżorju* imdaħħal fil-Bażit tal-2019) huma mdaħħla fil-Kapitolu 36 ta' dan l-ABE.

L-*1^{el} aġġornament tal-ammont tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019* huwa mdaħħal fil-Kapitolu 15 (Korrezzjoni tal-iżbilanċi bażitarji) ta' dan l-ABE, u jissostitwixxi l-*ammont proviżorju* bbażitjat preċedentement.

2.3.2. Kalkolu tal-korrezzjonijiet

L-aġġornament tal-korrezzjonijiet għall-2015, l-2016, l-2017, l-2018 u l-2019 jirriżulta prinċipalment mill-aġġornament tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif ikkomunikat mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2019. Barra minn hekk, l-aġġornament tal-korrezzjoni għall-2018 u għall-2019 iqis ukoll in-nefqa allokata tal-2018 u tal-2019 rispettivament.

It-tabella segwenti tiġbor fil-qosor l-aġġornamenti tal-korrezzjonijiet mill-2015 sal-2019 inklużi f'dan l-abbozz ta' bażit emendatorju.

---

13 ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105-111.

14 Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2014 "Il-kalkolu, l-iffinanzjar, il-pagament u d-dħul fil-bażit tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi bażitarji favur ir-Renju Unit ("il-korrezzjoni") skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/KE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea".

ABE 7/2020			
(1)	6 056 341 847		1el aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 - BE 5/2016
(2)	6 126 699 989		Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 AMMONT DEFINITTIV IBBAĠITJAT (ABE 7/2020)
(3) = (2) - (1)	**+ 70 358 142**		**ibbaġitjat fil-kapitolu 35**
(4)	4 932 590 878		1el aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 - BE 6/2017
(5)	5 061 658 216		Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 AMMONT DEFINITTIV IBBAĠITJAT (ABE 7/2020)
(6) = (5) - (4)	**+ 129 067 338**		**ibbaġitjat fil-kapitolu 35**
(7)	4 933 937 643		1el aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 - BE 6/2018
(8)	5 158 358 098		3et aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 IBBAĠITJAT (ABE 7/2020)
(9) = (8) - (7)	**+ 224 420 455**		**ibbaġitjat fil-kapitolu 36**
(10)	5 023 528 676		Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 Ammont proviżorju fil-Baġit 2019
(11)	5 516 634 839		2ni aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 IBBAĠITJAT (ABE 7/2020)
(12) = (11) - (10)	**+ 493 106 163**		**ibbaġitjat fil-kapitolu 36**
(13)	5 254 368 981		Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 Ammont proviżorju fil-Baġit 2020
(14)	5 170 332 675		1el aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 IBBAĠITJAT (ABE 7/2020)
(15) = (14) - (13)	**- 84 036 306**		**ibbaġitjat fil-kapitolu 15**
(16) = (3) + (6) + (9) + (12) + (14)	**6 087 284 773**		**total ibbaġitjat fil-kapitoli 15, 35 u 36**
(17) = (16) - (13)	**+ 832 915 792**		**Differenza (għall-informazzjoni)**

2.3.2.1 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019

It-tabella segwenti tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*ammont proviżorju* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 imdaħħal fil-Baġit tal-2020 u l-*1^{el} aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 li jrid jiddaħħal f'dan l-ABE.

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019	**Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019** **AMMONT PROVIŻORJU** **Baġit 2020**	**Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019** **1el AĠĠORNAMENT** **ABE 7/2020**	***Differenza***
		(1)	(2)	(2)-(1)
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	16,3037 %	16,0617 %	*- 0,2420 %*
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa totali allokata aġġustata għat-tkabbir	7,3015 %	7,6186 %	*+ 0,3171 %*
(3)	= (1) - (2)	9,0022 %	8,4431 %	*- 0,5591 %*
(4)	Nefqa totali allokata	130 008 765 143	133 761 974 693	*+ 3.753.209.550*
(5)	Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b)	30 694 725 929	33 495 190 550	*+ 2.800.464.621*
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adeżjoni	0	0	*0*
(5b)	Nefqa relatata mat mal-Artikolu 4(1)(g)	30 694 725 929	33 495 190 550	*+ 2.800.464.621*
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat-tkabbir = (4) – (5)	99 314 039 214	100 266 784 143	*+ 952.744.929*
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni għar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	5 900 699 546	5 587 332 443	*- 313.367.103*

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 AMMONT PROVIŻORJU Bażit 2020	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 1el AĠĠORNAMENT ABE 7/2020	*Differenza*
(8)	Vantaġġ tar-Renju Unit	690 825 371	459 372 003	*- 231.453.368*
(9)	Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	5 209 874 175	5 127 960 440	*- 81.913.735*
(10)	Qligħ mhux mistenni mir-RPT	- 44 494 806	- 42 372 235	*+ 2.122.571*
(11)	Korrezzjoni għar-Renju Unit = (9) - (10)	5 254 368 981	5 170 332 675	*- 84.036.306*

L-*1^{el} aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 huwa ta' madwar EUR 84 miljun inqas meta mqabbel mal-*ammont proviżorju* tal-korrezzjoni favur ir-Renju Unit tal-2019 imdaħħal fil-Bażit 2020 minħabba l-aġġornamenti tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif maqbula mill-Istati Membri fil-proċedura bil-miktub dwar il-previżjoni tal-KKRP (Mejju, 2020) u l-aġġornament tan-nefqa allokata għall-2019 (l-ammont proviżorju kien jinkludi l-previżjoni tan-nefqa allokata).

2.3.2.2 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018

It-tabella segwenti tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*ammont proviżorju* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 imdaħħal fil-Bażit tal-2019 u t-*2^{ni} aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 li jrid jiddaħħal f'dan l-ABE.

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 AMMONT PROVIŻORJU Bażit 2019	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 2^{ni} AĠĠORNAMENT ABE 7/2020	*Differenza*
		(1)	(2)	(2)-(1)
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	16,1945 %	16,0805 %	*- 0,1141 %*
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa totali allokata aġġustata għat-tkabbir	7,3577 %	6,7158 %	*- 0,6419 %*
(3)	= (1) - (2)	8,8368 %	9,3646 %	*+ 0,5278 %*
(4)	Nefqa totali allokata	127 599 039 596	129 720 353 887	*+ 2.121.314.291*
(5)	Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b)	27 076 886 462	31 051 543 542	*+ 3.974.657.080*
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adeżjoni	0	0	*0*
(5b)	Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g)	27 076 886 462	31 051 543 542	*+ 3.974.657.080*
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat-tkabbir = (4) – (5)	100 522 153 134	98 668 810 345	*- 1.853.342.788*
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni għar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	5 862 761 188	6 098 379 860	*+ 235.618.672*

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 AMMONT PROVIŻORJU Baġit 2019	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 2ni AĠĠORNAMENT ABE 7/2020	*Differenza*
(8)	Vantaġġ tar-Renju Unit	854 326 562	620 706 683	*- 233.619.879*
(9)	Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	5 008 434 626	5 477 673 177	*+ 469.238.550*
(10)	Qligħ mhux mistenni mir-RPT	- 15 094 049	- 38 961 662	*- 23.867.613*
(11)	Korrezzjoni għar-Renju Unit = (9) - (10)	5 023 528 676	5 516 634 839	*+ 493.106.163*

It-*2ni aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 huwa ta' EUR 493 miljun aktar meta mqabbel mal-*ammont proviżorju* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 imdaħħal fil-Baġit tal-2019 minħabba l-aġġornamenti tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif ikkomunikati mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2019 u l-aġġornament tan-nefqa allokata għall-2018 (l-ammont proviżorju kien jinkludi l-previżjoni tan-nefqa allokata).

3.3.2.3 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017

It-tabella segwenti tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 imdaħħal fil-BE 6/2018 u t-*3et aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 li jrid jiddaħħal f'dan l-ABE.

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017	**Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 1el AĠĠORNAMENT BE 6/2018**	**Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 3et AĠĠORNAMENT ABE 7/2020**	***Differenza***
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	16,2266 %	15,9063 %	*- 0,3203 %*
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa totali allokata aġġustata għat-tkabbir	7,0114 %	6,9862 %	*- 0,0252 %*
(3)	= (1) - (2)	9,2152 %	8,9201 %	*- 0,2951 %*
(4)	Nefqa totali allokata	110 827 970 366	110 891 011 881	*+ 63.041.515*
(5)	Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b)	20 962 713 989	20 917 337 083	*- 45.376.906*
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adeżjoni	0	0	*0*
(5b)	Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g)	20 962 713 989	20 917 337 083	*- 45.376.906*
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat-tkabbir = (4) – (5)	89 865 256 377	89 973 674 798	*+ 108.418.421*
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni għar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	5 465 655 078	5 297 002 140	*- 168.652.938*
(8)	Vantaġġ tar-Renju Unit	548 929 008	147 663 777	*- 401.265.231*
(9)	Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	4 916 726 069	5 149 338 362	*+ 232.612.293*
(10)	Qligħ mhux mistenni mir-RPT	- 17 211 574	- 9 019 736	*+ 8.191.838*
(11)	Korrezzjoni għar-Renju Unit = (9) - (10)	4 933 937 643	5 158 358 098	*+ 224.420.455*

It-*3et aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 huwa ta' madwar EUR 224 miljun aktar mill-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 imdaħħal fil-BE 6/2018 minħabba l-aġġornamenti tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif ikkomunikati mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2019.

2.3.2.4 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016

It-tabella segwenti tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 imdaħħal fil-Baġit Emendatorju 6/2017 u l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 li jrid jiddaħħal f'dan l-ABE.

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016	**Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 1el AĠĠORNAMENT BE 6/2017**	**Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 AMMONT DEFINITTIV ABE 7/2020**	***Differenza***
		(1)	(2)	(2)-(1)
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	17,5900 %	17,3576 %	*- 0,2324 %*

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 1el AĠĠORNAMENT BE 6/2017	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 AMMONT DEFINITTIV ABE 7/2020	*Differenza*
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa totali allokata aġġustata għat-tkabbir	7,6814 %	7,6922 %	*+ 0,0108 %*
(3)	= (1) - (2)	9,9086 %	9,6654 %	*- 0,2431 %*
(4)	Nefqa totali allokata	117 477 286 403	117 460 512 555	*- 16.773.848*
(5)	Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b)	25 506 896 869	25 403 051 464	*- 103.845.405*
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adeżjoni	0	0	*0*
(5b)	Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g)	25 506 896 869	25 403 051 464	*- 103.845.405*
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat-tkabbir = (4) - (5)	91 970 389 534	92 057 461 091	*+ 87.071.558*
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni għar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	6 014 542 348	5 872 505 812	*- 142.036.536*
(8)	Vantaġġ tar-Renju Unit	1 128 635 343	851 694 541	*- 276.940.802*
(9)	Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	4 885 907 005	5 020 811 271	*+ 134.904.266*
(10)	Qligħ mhux mistenni mir-RPT	- 46 683 873	- 40 846 944	*+ 5.836.929*
(11)	Korrezzjoni għar-Renju Unit = (9) - (10)	4 932 590 878	5 061 658 216	*+ 129.067.338*

L-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 huwa ta' madwar EUR 129 miljun aktar meta mqabbel mal-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 imdaħħal fil-BE 6/2017 prinċipalment minħabba l-aġġornamenti tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif ikkomunikati mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2019.

2.3.2.5 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015

It-tabella segwenti tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 imdaħħal fil-Baġit Emendatorju 5/2016 u l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 li jrid jiddaħħal f'dan l-ABE.

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 1el AĠĠORNAMENT BE 5/2016	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 AMMONT DEFINITTIV ABE 7/2020	*Differenza*
		(1)	(2)	(2)-(1)
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	19,2145 %	19,1419 %	*- 0,0726 %*
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa totali allokata aġġustata għat-tkabbir	7,5910 %	7,5894 %	*- 0,0016 %*
(3)	= (1) - (2)	11,6235 %	11,5525 %	*- 0,0710 %*
(4)	Nefqa totali allokata	129 194 773 448	129 135 893 336	*- 58 880 112*

	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 1el AĠĠORNAMENT BE 5/2016	Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 AMMONT DEFINITTIV ABE 7/2020	*Differenza*
(5)	Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b)	31 733 179 803	31 639 878 296	*- 93 301 507*
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adeżjoni	0	0	*0*
(5b)	Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g)	31 733 179 803	31 639 878 296	*- 93 301 507*
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat-tkabbir = (4) - (5)	97 461 593 645	97 496 015 040	*34 421 395*
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni għar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	7 476 753 663	7 433 724 758	*- 43 028 905*
(8)	Vantaġġ tar-Renju Unit	1 496 521 393	1 381 345 015	*- 115 176 378*
(9)	Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	5 980 232 270	6 052 379 743	*+ 72 147 473*
(10)	Qligħ mhux mistenni mir-RPT	-76 109 576	-74 320 246	*+ 1 789 330*
(11)	Korrezzjoni għar-Renju Unit = (9) - (10)	6 056 341 847	6 126 699 989	*+70 358 142*

L-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 huwa ta' madwar EUR 70 miljun aktar meta mqabbel mal-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 imdaħħal fil-BE 5/2016 prinċipalment minħabba l-aġġornamenti tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif ikkomunikati mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2018.

2.3.3. Dħul fl-ABE 7/2020 tal-1el aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019, it-2ni aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018, it-3et aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017, l-ammonti definittivi tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 u l-2015

2.3.3.1 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 (Kapitolu 35)

L-ammont tal-korrezzjoni għar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 35 ta' dan l-ABE huwa d-differenza bejn l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 (jiġifieri EUR 6 126 699 989) u l-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 (jiġifieri EUR 6 056 341 847 imdaħħal fil-BE 5/2016), li jammonta għal EUR 70 358 142.

Dan l-ammont se jiġi ffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2015 kif magħrufa fl-aħħar tal-2018. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 35 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 — Kapitolu 35			
BE	1 267 154	**LU**	866 089
BG	3 148 896	**HU**	2 764 651
CZ	4 903 895	**MT**	310 080
DK	6 556 672	**NL**	-260 138
DE	4 385 985	**AT**	1 362 429
EE	303 635	**PL**	-9 542 201
IE	20 284 145	**PT**	476 355

Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2015 — Kapitolu 35			
EL	504 408	**RO**	1 609 226
ES	1 272 857	**SI**	123 083
FR	5 838 257	**SK**	1 555 233
HR	1 207 446	**FI**	4 733 265
IT	19 287 491	**SE**	-2 400 255
CY	627 536		
LV	-619 579	**UK**	- 70 358 142
LT	-208 473	**Total**	**0**

2.3.3.2 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 (Kapitolu 35)

L-ammont tal-korrezzjoni għar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 35 ta' dan l-ABE huwa d-differenza bejn l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 (jiġifieri EUR 5 061 658 216) u l-*1el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 (jiġifieri EUR 4 932 590 878 imdaħħal fil-BE 6/2017), li jammonta għal EUR 129 067 338.

Dan l-ammont se jiġi ffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2016 kif magħrufa fl-aħħar tal-2019. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 35 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2016 — Kapitolu 35			
BE	12 381 389	**LU**	-272 563
BG	1 683 717	**HU**	2 362 157
CZ	6 602 363	**MT**	310 901
DK	3 769 035	**NL**	3 455 636
DE	5 007 499	**AT**	855 227
EE	892 527	**PL**	15 053 623
IE	3 060 816	**PT**	2 825 093
EL	-239 791	**RO**	5 438 400
ES	4 704 411	**SI**	821 604
FR	26 115 146	**SK**	454 399
HR	1 550 836	**FI**	3 348 353
IT	26 775 334	**SE**	128 390
CY	893 340		
LV	185 011	**UK**	- 129.067.338
LT	904 487	**Total**	**0**

2.3.3.3 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 (Kapitolu 36)

L-ammont tal-korrezzjoni għar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 36 ta' dan l-ABE huwa d-differenza bejn it-*3et aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 (jiġifieri EUR 5 158 358 098) u l-*1el*

aġġornament tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 (jiġifieri EUR 4 933 937 643 imdaħħal fil-BE 6/2018) li jammonta għal EUR 224 420 455.

Dan l-ammont se jiġi ffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2017 kif magħrufa fl-aħħar tal-2019. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 36 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2017 — Kapitolu 36			
BE	15 856 715	**LU**	374 066
BG	3 231 445	**HU**	3 692 230
CZ	3 814 138	**MT**	265 690
DK	10 232 027	**NL**	4 759 697
DE	12 286 393	**AT**	1 361 203
EE	1 271 298	**PL**	5 297 081
IE	5 263 528	**PT**	6 203 836
EL	4 209 140	**RO**	5 382 461
ES	23 937 729	**SI**	765 633
FR	58 977 709	**SK**	1 500 046
HR	1 777 843	**FI**	5 572 775
IT	45 010 069	**SE**	257 162
CY	752 318		
LV	741 095	**UK**	- 224 420 455
LT	1 627 128	**Total**	**0**

2.3.3.4 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 (Kapitolu 36)

L-ammont tal-korrezzjoni għar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 36 ta' dan l-ABE huwa d-differenza bejn it-*2ni aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 (jiġifieri EUR 5 516 634 839) u l-*ammont proviżorju* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 (jiġifieri EUR 5 023 528 676 imdaħħla fil-Baġit tal-2019), li tammonta għal EUR 493 106 163.

Dan l-ammont se jiġi ffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2018 kif magħrufa fl-aħħar tal-2019. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 36 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2018 — Kapitolu 36			
BE	27 909 738	**LU**	3 459 527
BG	5 747 148	**HU**	9 060 360
CZ	12 780 811	**MT**	599 078
DK	17 414 841	**NL**	7 666 480
DE	26 899 549	**AT**	3 225 174
EE	2 324 061	**PL**	25 585 020
IE	13 878 796	**PT**	12 696 708
EL	7 355 826	**RO**	15 373 126
ES	58 628 464	**SI**	1 888 602

FR	132 102 159	**SK**	3 559 433
HR	3 326 099	**FI**	9 899 420
IT	80 506 049	**SE**	4 981 835
CY	1 290 517		
LV	1 428 955	**UK**	-493 106 163
LT	3 518 387	**Total**	**0**

2.3.3.5 Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 (Kapitolu 15)

L-*1[el] aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 jikkorrispondi għal EUR 5 170 332 675 u huwa EUR 84 036 306 anqas mill-ammont imdaħħal fil-Baġit 2020 (EUR 5 254 368 981).

Dan l-ammont għandu jkun iffinanzjat skont il-bażijiet tal-ING riveduti tal-2019 tal-ABE attwali. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 15 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

Korrezzjoni għar-Renju Unit tal-2019 – Kapitolu 15			
BE	2 885 434	**LU**	1 141 987
BG	- 44 283	**HU**	724 119
CZ	1 799 173	**MT**	- 370 341
DK	555 892	**NL**	- 1 400 008
DE	- 4 066 249	**AT**	- 186 616
EE	108 141	**PL**	2 696 724
IE	- 6 718 497	**PT**	1 067 249
EL	- 6 475 934	**RO**	1 113 696
ES	- 31 341 060	**SI**	- 945 822
FR	- 14 103 043	**SK**	- 2 281 186
HR	- 965 383	**FI**	- 330 789
IT	- 26 667 365	**SE**	1 489 533
CY	- 305 489	**UK**	84 036 306
LV	- 956 379		
LT	- 459 810	**Total**	**0**

2.4 Differenzi fir-rati tal-kambju tar-riżorsi proprji

Il-baġit tal-UE huwa stabbilit f'EURO filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma determinati fil-munita nazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri jitħallsu fi 12-il pagament parzjali kull xahar ("dodiċeżmi"). Kull pagament parzjali magħmul f'munita li mhix euro huwa rreġistrat fil-kontijiet bl-użu tar-rati tal-kambju mensili tax-xahar li fih isir il-pagament.

Għall-Istati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro l-baġit tal-UE jiġi kkonvertit f'munita nazzjonali bl-użu tar-rata tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena baġitarja[15]. Għalhekk, għall-2020, ir-rata tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2019 tintuża biex il-baġit tal-UE jiġi kkonvertit mill-EURO f'muniti mhux euro.

[15] Ara l-Artikolu 10a(1) tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni 609/2014.

Għalhekk kull differenza fir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu tad-"dodiċeżmu" ta' kull xahar fil-munita nazzjonali u r-rati ta' kontabilità applikabbli fix-xahar tal-pagament tad-"dodiċeżmu" jirriżultaw inevitabbilment f'differenzi bejn l-ammonti tar-riżorsi proprji f'EURO previsti fil-baġit u l-ammont li fil-fatt jissarraf.

Il-varjazzjonijiet mensili fir-rati tal-kambju jistgħu jikkanċellaw lil xulxin matul sena baġitarja. Madankollu, fl-2020, minn Jannar sa Ġunju, ġie rreġistrat total ta' tnaqqis ta' EUR 400,6 miljun f'differenzi fir-rati tal-kambju għar-riżorsi proprji. Dan jista' faċilment jiżdied u sal-aħħar tas-sena jippreżenta riskju ta' defiċit baġitarju. Għaldaqstant sabiex ikun hemm tpaċija ta' dawn id-differenzi u kumpens għan-nuqqas li jirriżulta fir-riżorsi proprji li jissarfu qed jiġi propost li tinħoloq linja baġitarja ġdida fit-Titolu 3 – l-Artikolu 390 – Aġġustamenti relatati mad-differenzi fir-rata tal-kambju għar-riżorsi proprji - biex jiddaħħlu d-differenzi tar-rata tal-kambju li jkunu dovuti sa Ġunju.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Ammont
3 9 0	Aġġustament relatat mad-differenzi fir-rata tal-kambju għar-riżorsi proprji	-400 600 000
Total		**-400 600 000**

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-evoluzzjoni tad-differenzi u, jekk ikun hemm bżonn, tipproponi emendi baġitarji ġodda lill-Awtorità Baġitarja biex din taġġorna ċ-ċifra f'abbozz ta' baġit emendatorju tal-ħarifa.

2.5 Multi u pagamenti ta' penali

Filwaqt li jitqiesu l-ammonti li nġabru, qed jiġi propost li l-previżjonijiet inizjali introdotti fil-baġit tal-2020 (EUR 100 miljun) jiżdiedu b'EUR 118 miljun. Għaldaqstant dan se jnaqqas il-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE.

Id-dettal skont il-linja jidher fit-tabella hawn taħt.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Ammont
7 1 0	Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u penali oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	85 000 000
7 1 1	Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba li ma ssodisfax obbligu skont it-Trattat	33 000 000
Total		**118 000 000**